**Xejn mhu sħiħ**

Kastelli fl-arja jibni l-bniedem
Meta jaħseb li wasal hemm fuq,
Jekk f'idejh qed jieħu lil ħajtu
Mingħajr Alla imrar għid li jduq.

O kemm tqarrqu biżibilju nies
Li ħasbu li laħqu l-quċċata,
Tas-sema għax aduraw b'qalbhom
Ħilithom u ħadu ċamata.

Imbierek min jibqa' hekk umli
Taħt l-id kollha mħabba tal-Ħallieq,
Li toħrog b'tant ħlewwa w mogħdrija
Fil-Feddej li jifdi biss jixtieq.

Hu biss jaf jibni għax hu Alla
Familja li s-snin ma jeqirdux,
Jaf joħroġ lill-bniedem mill-gorboġ
Ta' jasar l-għeluq u ma jfixklux.

Għax fih biss tinstab l-aqwa milja
Li qalbna tixxennaq għaliha,
Mhijiex xi ħaġa li nagħmluha
Nitħabtu kemm nitħabtu fiha.

B'hekk jikbru sewwa d-diżappunti
Meta f'kollox nagħmlu ta' rasna,
Għax wara tagħna hemm pjan ieħor
Iridduh jew le dak hu tagħna.

L-għaqal jgħidilna biex wisq nisktu
U nħallu lil Alla jagħmel hu,
Għax tiegħu se tkun l-aħħar kelma
Li noqgħodu għalih din virtù.

Sadanittant għalik qed nitlob
Biex dal-kliem jinżillek sew f'qalbek,
Hekk meta se tiġi daqt fuqek
Il-prova iebsa, jgħinek talbek.

Li jiftaħlek quddiemek xefaq
Li qatt ħadd m'għadu miegħek semmieh,
L-importanti hu li tintelaq
F'idejn Missierek, għax hu biss sħiħ.

Patri Mario Attard OFM Cap

12 ta’ Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.